# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 3 ta' Lulju 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 118/2024 JPG**

**Kawza nru.: 23**

**DM**

**vs**

**CM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur datat 4 ta' Marzu 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti DM izzewweg lil CM fid-9 ta' Gunju 1991 gewwa l-Knisja ta' San Bastjan Qormi – Att taz-Zwieg Numru 843/1991 kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn taht anness bhala Dok DM 1;*

*Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, SM li twieled f'X u MM li f'Y. Li llum ghandhom X sena u Y sena rispettivamnet;*

*Illi DM u CM sseparaw legalment minn ma xulxin u dana in virtu ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar James Grech datata 4 ta' Dicembru 2023, kopja hawn annessa u mmarkata bhal Dok DM 2, u ghaldaqstant jissodisfaw ir-rekwizit taht l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jottejnu id-divorzju;*

*Illi ai termini ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni gie dikjarat mill-partijiet f'paragrafu numru 4 ta' l-istess illi huma reciprokament irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin u kwindi ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;*

*Illi lanqas ma hemm kwistjonijiet ta' manteniment rigward tfal u dana peress illi gja fiz-zmien tas-separazzjoni ta' bejniethom, it-tfal taghhom SM u MM kienu diga maggorenni u kellhom aktar minn 23 sena, u ghalhekk ma kien hemm l-ebda kwistjonijiet ta' manteniment x'jigu regolati f'dan is-sens;*

*Illi ma jezisti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li l-partijiet it-tnejn illum ghandhom il-hajja privata separata minn xulxin;*

*Illi flimkien ma' dan ir-rikors qieghed jigi ukoll prezentat affidavit tar-rikorrenti DM li jikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors, huwa taht anness u mmarkat bhala Dok DM 3;*

*Illi ghalhekk jissussistu l-elementi kollha sabiex jigi akkordat id-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet DM u CM b'divorzju u dana ai termini ta' l-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata ghalkemm debitament notifikata ma pprezentat ebda risposta u ma dehritx. Ghaldaqstant l-intimata hija kontumaci;

Rat illi l-intimata giet akkordata hmistax-il-gurnata sabiex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Art 158 (10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi minkejja dan, l-intimata baqghet inadempjenti;

Rat in-nota tal-attur datata 14 ta' Mejju 2024 a Fol 18;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 15)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar id-9 ta' Gunju 1991 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, illum maggjorenni. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntrat datat 4 ta' Dicembru 2023 fl-atti tan-Nutar Dr James Grech. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata** ma pprezentat ebda risposta guramentata u ma dehritx u ghaldaqstant ma pproduciet ebda prova.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' Gunju 1991 liema zwieg jgib certifikat numru 843/1991 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied li llum maggjorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr James Grech nhar l-4 ta' Dicembru 2023 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 843/1991 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**